TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 197/12/B

**Angie Bugeja nee' Attard**

**vs**

**Joe Ghiller - Telephone Box**

Illum 17 ta' April 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fis-16 ta' Awissu, 2012 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' erbgha mija u hamsin Ewro (€450.00), rapprezentanti l-prezz li hallset lill-intimat ghal mobile phone, liema mobile phone kien difettuz.

L-intimatipprezenta risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata ta' l-intimat, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Fit-3 ta' Mejju 2012, hija kienet xtrat mobile phone minghand l-intimat, pero' fl-ewwel xahar kienet bdiet tehel il-kamera, jiffreezja u jintefa wahdu. Ghalhekk, hija kienet marret ghand l-intimat fejn ghamel format fl-imsemmi mobile phone, pero' ma kienx taha ebda karta. It-tieni darba, wara gimgha, rega' gralu l-istess u l-intimat kien rega' ghamel format. It-tielet darba, wara jumejn, il-mobile phone rega' bl-istess problema, fejn ir-rikorrenti kienet haditu ghand l-intimat ghat-tiswija u din id-darba ghamel software gdid, pero' l-mobile phone baqa' l-istess. Ghalhekk, ir-rikorrenti kienet talbet lill-intimat sabiex tinghata mobile phone gdid, pero' l-intimat kien irrifjuta u minnflok ried jibghat il-mobile phone barra minn Malta. L-ghada, ir-rikorrenti kienet

cemplet lill-intimat biex tara x'kienet ser taghmel, u l-intimat baqa' jsostni illi ried jibghatu barra minn Malta, fejn ir-rikorrent qaltlu li kienet ser taghmel affariha.

**L-intimat issottometta bil-miktub illi:-**

Meta r-rikorrenti lmentat l-ewwel darba hija qalet li l-mobile phone kien qed jehel u ghalhekk l-intimat rranga s-settings biss – haga li setghat taghmilha ir-rikorrenti stess. It-tieni darba, ir-rikorrenti lmentat li l-bluetooth ma kienx qed jahdem tahdem mal-mobile phone tal-habiba taghha.

Il-mobile phone in kwistjoni, rah it-tekniku tal-intimat darba biss u ghamillu software.

L-intimat offrielha lir-rikorrenti sabiex iggib il-mobile phone halli jarah it-tekniku u l-agent, ghaliex l-intimat ma jistax jaqbad u jbiddel il-mobile minghajr il-kunses ta' l-agent. Barra minn hekk, l-agent ghandu dritt li l-mobile jista' jsewwieh sa tliet darbiet, hekk kif hemm miktub fuq il-garanzija, kif ukoll jista' jintbghat barra minn Malta, u jekk ikun hemm bzonn jinbidel.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Ir-rikorrenti ezebiet kopja tat-termini u l-kondizzjonijiet, li giet immarkata bhala Dok.AA1; kopja tal-'warranty certificate', li giet immarkata bhala Dok.AA2; flimkien ma' kopja ta' 'job card', li giet immarkata bhala Dok.AA3.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi l-intimat fix-xhieda guramentata tieghu, rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

L-intimat ezebixxa kopja tal-'workshop repair report' datata 21 ta' Jannar 2013, li giet immarkata bhala Dok.JG1.

It-Tribunal josserva wkoll illi l-intimat offra li jbiddel il-mobile phone tar-rikorrenti, b'dana illi l-'back cover', il-'casing' u l-faccata jibqghu l-istess, minhabba l-brix, pero' r-rikorrenti ma accettatx.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jikkonkludi illi ma kien hemm l-ebda nuqqas da parti tal-intimat. It-Tribunal jinnota illi madanakollu, l-intimat kien offra illi jbiddel il-mobile phone tar-rikorrenti, pero' li l-mobile phone il-gdid jigi nkorporat fil-'casing' ezistenti tal-mobile phone in kwistjoni, u ghalhekk qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti limitatament ghal tali offerta, u jordna lill-intimat iforni lir-rikorrenti b'mobile phone gdid, ta' l-istess ditta u l-istess mudell, liema mobile phone ghandu jigi inkorporat fil-'casing' tal-mobile phone ezistenti tar-rikorrenti, b'dan illi kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez taghha tal-kawza.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**